MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru 1023/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**EMAN ZAMMIT**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Eman Zammit ta 30 sena, iben Carmelo u Michelina nee' Borg, mwieled Pieta' nhar id-29 ta' Ottubru 1979, residenti gewwa 50, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 506579M

Billi gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' 12:30hrs minn gewwa Ix-Xatt ta' Triq iz-Zonqor, Marsaskala ikkommetta serq ta' basket li kien fih libsa, mobile phone u cavetta, propjeta ta' Mark u Katerina

Zammit liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2329 Ewro.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta li saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u nnutat li l-imputat Eman Zammit m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li parti mir-refurtiva giet ritornata.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Eman Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha wahda li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li parti mir-refurtiva giet ritornata u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Eman Zammit ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------